MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Numru. 227/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Yakulov Selvi Haka**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Yakulov Selvi Haka detentur tal-passaport bin-numru 380884269.

Akkuzat talli:
Fil-gzejjer ta' Malta, fi Triq Burmarrad, San il-Bahar, Malta, fit-23 ta' Frar 2012, ghall-habta tad-9.15hrs u fix-xhur precedenti, waqt li ien fiq Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' saqqu, 4 lozor, zewg *quilts* u par *boots*, friskatur u vavalor fejn il-valur globali jammonta ghal €120 u liema serq huwa aggravat bil-mezz.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza kif dedotta kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi, u ara li rat l-Artikoli 17(d) u 263 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Yakubov Selvi Haki hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------